MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 312/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Spiteri u l-istess Michael Spiteri**
**vs**

**Anil Balani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-5 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u seba' liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm307.59), u fejn intqal:**
**illi l-konvenuti kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh in-Naxxar fis-16 ta' Marzu, 2001, bejn Opel Astra numru ANI-100 misjuqa mill-konvenut u Fiat Punto numru CBH-115 ta' l-attur Michael Spiteri, u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas mitejn u tnejn u tmenin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm282.59) danni lil Untours Insurance Agents**

**Limited noe u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lil Michael Spiteri (Dok.P);**

**Bl-ispejjez, komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta’ konsult u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta’ PS226 Paul Bonanno u Kevin Ciantar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi l-incident gara meta l-attur fis-16 ta’ Marzu, 2001, li kien qed isuq Fiat Punto CBH-115 f’labour Avenue, Naxxar, wara li dar truck, sab fil-karreggjata tieghu il-vettura tal-konvenut, li jidher li kienet qed tikser biex iddur ghal god-dahla li hemm f’dik il-parti tat-triq, u dana kif indikat fl-isketch.**
**Ma hemmx dubbju li l-konvenut naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega qabel ma jaghmel il-manuvra li kien qed jaghmel, u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-eventwali kollizzjoni li sehhet.**

**Id-danni jirrizultaw mid-dokumenti esibiti fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici, peress illi ghall-incident de quo kien jahti unikament il-konvenut, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u tnejn u tmenin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm282.59) u lill-attur is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Frar, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' konsult, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------